# It-Tagħlim u t-Tisħiħ tal-Malti bil-Mezzi Moderni

*Charles Briffa*

Qiegħda tinħass ħafna l-ħtieġa ta' tagħlim u tisħiħ tal-Malti f'diversi nħawi tas-soċjeta' Maltija. Insemmu, fost oħrajn, lil dawk il-ġenituri li jixtiequ jgħinu 'l uliedhom fix-xogħol ta' l-iskola; lil dawk l-impjegati li l-ħidma tagħhom twassalhom biex kultant jikkomunikaw mal-pubbliku u jkunu jixtiequ jiktbu b'Malti tajjeb biex ħadd ma jakkużahom li ma jafux jiktbu mingħajr żbalji; u lill-Kunsilli Lokali li qegħdin jiċċirkolaw bosta tagħrif fid-distretti tagħhom. Dawn, u oħrajn spiss jilmentaw li ma jsibux materjal ta' tagħlim xieraq għalihom.

Niftakru li hawn għandna adulti li diġà għandhom ħafna x'jagħmlu u mhux bilfors ikollhom il-ħin jew l-enerġija biex jattendu xi klassi formali ta' tagħlim filgħaxija. Inħarsu lejhom ukoll bħala individwi li jixtiequ jġeddu l-kuntatt tagħhom ma' l-edukazzjoni. U din ix-xewqa jixirqilha r-rispett tagħna; dawn l-individwi jeħtieġu l-privatezza jew għax ikunu jistħu jew inkella għax iħossu li waħidhom ikunu jistgħu jikkonċentraw aktar u aħjar. Li wieħed ikun jista' jitgħallem fil-kundità ta' waħdu għall-kenn ta' ħsibijietu jwassal għal tisħiħ aħjar fil-proċess ta' tagħlim u għal attitudni pożittiva lejn is-suġġett li, fil-każ tagħna, huwa l-Malti.

Issa dan kollu jġagħalna naraw kif nistgħu nużaw il-mezzi moderni li qed jagħtina l-progress sabiex naqdu lil dawn in-nies u nissodisfaw din il-ħtieġa soċjali. Il-mezzi moderni, bħall-kompjter, it-televixin, ir-radju, il-kasetts, u s-CD Rom, jistgħu jagħtu kontribut siewi. Imma biex niftehmu, din m'hijiex kwistjoni li t-teknoloġija tieħu x-xogħol tal-għalliem. Ma nistgħu qatt inħarsu lejn it-teknoloġija biex tipprovdi xi proċess ta' tagħlim waħedha. Sabiħa kemm hi sabiħa innovazzjoni teknoloġika, is-suċċess fit-tagħlim iserraħ fuq il-ħila tal-għalliem li jinqeda b'dik it-teknoloġija fil-ħidma tiegħu.

Mela ħa npartu minn hawn: il-mezzi moderni waħidhom ma jagħmlu xejn. L-importanti huwa l-kwalità ta' dawk il-mezzi u l-użu xieraq tagħhom mill-għalliem għat-tagħlim u t-tisħiħ tal-Malti. M'hemmx dubju li l-mezzi moderni



jestendu l-opportunitajiet fil-livelli kollha tat-tagħlim: hemm dawk li jaqduna biex nitgħallmu waħidna u hemm dawk li bihom nitgħallmu ma' oħrajn; insibu wkoll mezzi li jistgħu jgħallmuna l-Malti mitkellem ħalli jippratikaw diskorsna mingħajr interferenzi minn ilsna oħra u nsibu mezzi li jispjegawlna l-irqaqat tal-Malti miktub.

Imma min ifassal programm ta' tagħlim bil-mezzi moderni jrid ikun jaf x'udjenza jista' jkollu. Ngħidu aħna, programm fuq it-televixin għal min jibqa' d-dar jista' jkollu rokna biex jiġu spjegati xi regoli ħfief tal-kitba tal-Malti; l-ispjegazzjoni bl-iskrin tista' tkun interessanti ħafna, u ċara wkoll għax il-kamera tista' tiffoka fuq l-informazzjoni li t-telespettaturi jkunu jridu jieħdu. Fuq ir-radju, jista' jkollna apprezzament tad-djaletti Maltin biex insaħħu l-identità tagħna; programm bħal dan huwa ta' interess għal kulħadd, u fl-istess ħin jista' jgħin sabiex jiġu ppriservati l-varjetajiet tal-lingwa. Il-letteratura Maltija tista' tiġi rrekordjata fuq xi CD u hekk wieħed ikun jista' joqgħod għall-kwiet jisma' l-qari ddrammatizzat tal-poeżija jew ta' xi biċċa proża kreattiva. Ir-regoli gradati tal-Malti jistgħu jitpoġġew fuq xi kasett jew f'xi programm tal-kompjuter.

Il-possibilitajiet huma ħafna u għal kollha kemm huma jeħtieġ il-parir ta' l-esperti. Hawn tista' tidħol l-Akkademja tal-Malti biex dak li jingħad fuq ir-regoli tal-lingwa jkun korrett. Għax, ngħiduha kif inhi, il-fiduċja li jagħti l-espert hija kondizzjoni essenzjali fit-tagħlim.